MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Numru. 882/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Marisa Spiteri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Marisa Spiteri detentrici tal-karta tal-identita` numru 421572(M).

Akkuzata talli:

Bejn Mejju 2012 u Lulju 2012 bil-hsieb li tezorcita flus jew xi haga ohra, jew li taghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra u cioe` lil Anna Vella tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li taghmel

denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u permezz ta’ dan it-theddid waslet fil-hsieb taghha;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Stante ammissjoni u l-konferma ta’ tali ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontriha qed issib lill-imputata Marisa Spiteri hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qieghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------